# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 287/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Caruana**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra l-appellant, Joseph Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 260462M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Settembru, 2015, Ottubru, 2015, Novembru 2015, Dicembru, 2015 u Jannar 2016 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artiklu 18) naqas li jaghti lil Maria Rita Calleja, is-somma ta' €230, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien

hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma (Kap 9 Artikolu 338(z));

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Mejju, 2016 li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u thassar is-sentenza precitata u minflok tipprovdi billi ssib lill-esponent mhux hati u tilliberah minnhom u alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena ferm imnaqqsa u anke konsonanti kemm mal-offiza innifisha u anke mal-provvediment applikabbli ghad-drittijiet fondamentali tal-bniedem hekk kif protetti anke bil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta (inkluz l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll li hemm mal-istess Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali);

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi f'dan l-appell, l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami li qatt ma kellu jinstab hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u b'mod alternattiv li f'kaz li din il-Qorti xorta wahda ssib htija fih, allura s-sentenza ghandha tkun riformata kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fl-udjenza tal-lum, l-appellant irtira l-aggravju u t-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata wara li l-kwerelanta xehedet illi fil-mori thallset tal-manteniment dovut.

2. Illi ghalhekk dan l-appell issa jirrigwarda biss il-piena. Kif gia inghad l-kwerelanta xehedet illi wara l-prolazzjoni tas-sentenza appellata, l-appellant hallas dak kollu minnu dovut. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, kif del resto jirrikonoxxi ukoll l-appellant, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

3. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tas-sentenza, f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' t-tieni talba u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' tliet xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.